# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 ta' Mejju, 2017.**

**Rikors Numru 471/2016 SM**

**Fl-atti tal-Mandat kawtelatorju ta' sekwestru fl-ismijiet numru 710/2016:**

**Steven (K.I. 444361 M) u Anita (K.I. 181663 M) konjugi Pace**

**vs.**

**Paul Camilleri (K.I. 346972 M), Michael Micallef (K.I. 348962 M), Ivan Farrugia (K.I. 201272 M), u Valletta Glass SRL, kumpanija registrata gewwa r-Rumanija, ghal kull interess li jista' jkollha.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-13 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti Camilleri u Micallef sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi wara diversi proceduri ohra l-intimati odjerni Steven u Anita konjugi Pace (mhux Paul kif indikat a foll 2), kienu hargu mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 710/2016 kontra r-rikorrenti odjerni, fost l-ohrajn;

1.2. Illi permezz tal-istess gew hekk kawtelati is-somma ta' €79,000.00 bhala imghax u s-somma ta' €6,000.00 bhala spejjez;

1.3. Illi l-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti odjerni (ara foll 1), hi intiza biex jithassar l-imsemmi mandat kawtelatorju *ai termini* tal-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4. Illi *di piu`* talbu wkoll li l-intimati jhallsu penali *ai termini* tal-artiklu 836(8) tal-istess Kap 12 fuq riferit;

2.0. Illi l-intimati odjerni Steve u Anita konjugi Pace sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 20):

2.1. Illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-istess qorti kif hawn preseduta kienet gia` irrespingiet talba simili tar-rikorrenti (ara foll 26);

2.3. Illi ma jirrizulta l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li jistghu jinducu lill-istess qorti tbiddel il-fehma taghha fir-rigward;

2.4. Illi l-procedura odjerna hi biss tentattiv iehor biex jigu stultifikati d-drittijiet tal-intimati;

2.5. Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju gia` mahrug hu wiehed ragonevoli;

3. Ezaminat il-provi prodotti;

4. Semghet lix-xhud imressaq quddiemha;

5. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

6.1. Illi fil-15 ta’ Settembru, 2015, l-intimati odjerni konjugi Pace kienu hargu sekwestru numru 1454/2015 kontra r-rikorrenti odjerni biex jikkawtelaw l-ammont hemm indikat, (ara foll 1);

6.2. Illi r-rikorrenti jissottolineaw li l-ammont hemm kawtelat gie minnhom depozitat taht l-awtorita` tal-qorti u konsegwentement inhareg ukoll id-debitu kontro-mandat, (ara foll 2);

6.3. Illi fit-2 t’Ottubru, 2015, l-intimati konjugi Pace intavolaw kawza kontra r-rikorrenti odjerni u konsegwentement hargu mandat ta’ sekwestru kawtelatorju sussegwenti li jgib in-numru 710/2016, (ara foll 2);

6.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti odjerni jirrigwardaw dan il-mandat kawtelatorju indikat fil-paragrafu precedenti, li tieghu qed jitolbu r-revoka skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-intimati konjugi Pace sintetikament isosstnu s-segwenti:

7.1. Illi kienu gew imhajra jinvestu fis-socjeta` Valletta Glass SRL sitwata r-Rumanija;

7.2. Illi l-ufficjal beneficjarju tal-imsemmija socjeta` hu Paul Said li jippossjedi 68% tal-ishma, (ara foll 21);

7.3. Illi l-istess intimati odjerni jsosstnu li l-flus li investew fl-istess socjeta` qatt ma ddahhlu fil-kont tal-imsemmija kumpanija, (ara foll 21);

Ikkunsidraw:

8. Illi ghandu jkun pacifiku li procedura bhal din in dizamina l-iskrutinju rikjest mill-qorti odjerna hu statutorjament limitat ghall-ezami *prima facie* stante li l-mertu veru u proprju tal-materja in dizamina hu espressament rizervat ghall-kawza proprja bejn il-partijiet;

9. Illi kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet ***Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited*** datata l-***14 t' Awwissu, 2013***:

> "Illi l-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv";

10. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li fl-eventwalita` li tigi milqugha t-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat wara l-accertament *prima facie* li jrid isir skont il-procedura prezenti, t-talbiet fil-mertu xorta wahda jistghu jirnexxu fuq il-bazi tal-provi mismugha fil-kawza proprija bejn il-kontendenti;

11. Illi bl-istess mod, kemm- il darba t-talba ghall-hrug tal-istess kontro-mandat tigi respinta wara l-ezami *prima facie de quo*, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors ma jirnexxux;

12. Illi minnu nnifsu l-ezami kondott fil-procedura in dizamina hu necessarjament wiehed ta' natura preliminari, mhux wiehed approfondit, u jirreferi ghal dak li jirrizulta "mad-daqqa t'ghajn";

Ikkunsidrat:

13. Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti prezenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju minnhom riferut, u dan, a bazi tal-artiklu 836(1)(d) tal-Kap 12 fuq riferit li jistabbilixxi r-revoka tal-istess kemm- il darba l-ammont mitlub mhux *prima facie* gustifikat jew eccessiv;

14. Illi kif irriteniet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fid-decizjoni taghha fl-ismijiet ***Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart***, datata d-***29 ta' Lulju, 2005***:

> "Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni, (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-*"fumus juris"* tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, li l-qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi imfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat";

Ikkunsidrat:

15. Illi r-rikorrenti ssosstnu li l-ammont indikat mill-intimati fil-mandat ta' sekwestru li huma hargu fil-konfront tar-rikorrenti odjerni hu wiehed ezorbitanti li bl-ebda mod m'hu gustifikat;

16. Illi r-rikorrenti odjerni jsosstnu wkoll li ma jirrizultalhomx kif inhadmet ir-rata ta' imghax fl-istess mandat in dizamina, jew ghal liema perjodu qeghdin jintalbu dawn l-imghaxijiet;

17.0. Illi pero` fir-rigward l-intimati sintetikament isosstnu s-segwenti:

17.1. Illi huma qed jitolbu l-imghax lilhom dovut sa mill-bidu nett tat-transazzjoni in dizamina senjatament, minn

meta gie iffirmat l-*investment agreement* sad-data tal-effettiv pagament;

17.2. Illi l-ammont ikkoncernat hu dak ta' €70,000.00;

17.3. Illi r-rata ta' l-imghax hi dik ta' 8%;

17.4. Illi l-perjodu involut hu ta' disa' (9) snin;

17.5. Illi jitolbu rata ta' 5.75% fuq l-imsemmija somma biex ihallsu lill-bank involut;

17.6. Illi ghalhekk jinkludu mhux biss l-imghax involut izda wkoll d-danni li jirrizultaw mill-*mala fede* tal-istess rikorrenti;

18. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-mandat kawtelatorju in dizamina inhareg ukoll fuq l-ammont ta' €6,000.00 ghall-ispejjez sofferti mill-intimati odjerni;

Ikkunsidrat:

19. Illi jirrizulta li t-talba in meritu bejn il-kontendenti fil-procedura appozita hi biex il-qorti hemm kolpita tillikwida d-danni sofferti mill-intimati odjerni, inkluzi l-imghaxijiet involuti u spejjez ikkagunati;

Ikkunsidrat:

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-intimati ezekutanti odjerni effettivament jirrizulta li ghandhom in *prima facie* l-pretenzjonijiet kollha minnhom indirizzati;

21. Illi konsegwentement jinghad li t-talba tar-rikorrenti odjerni mhix tenibbli u ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

22. Illi di piu` r-rikorrenti odjerni qeghdin ukoll jitolbu r-revoka tal-mandat *de quo* a bazi tal-*artiklu 836(1)(f) tal-istess Kap 12* fuq

riferit, u dan, *stante* tibdil ta' xi cirkostanza li konsegwenza tal-istess ma jkunx xieraq li l-istess mandat kawtelatorju in dizamina jibqa' fis-sehh – almenu in parte;

Ikkunsidrat:

23. Illi fid-digriet taghha fl-ismijiet ***Jamar Malta Limited vs. Office Group Limited*** datata l-***10 t'Awwissu, 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet:

> "Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara il-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa', (ghal kollox jew in parti), fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat issa m'ghadux il-kaz";

24. Illi fil-kaz odjern, ezami *in prima facie* tal-fatti in kwistjoni ma jurux li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li originarjament kienu wasslu ghal-hrug tal-mandat in dizamina;

25. Illi ghalhekk hi l-fehma konsiderata tal-qorti li ma jidhirx li jista' jinghad li mhux ragonevoli li l-mandat in kwistjoni jibqa' fis-sehh;

26. Illi konsegwentement jinghad li t-talba tar-rikorrenti sekwestrati odjerni hi ukoll wahda li mhix tenibbli u ghandha ghalhekk ukoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

27. Illi r-rikorrenti odjerni talbu wkoll li l-intimati sekwestranti odjerni ghandhom jigu ordnati jaghtu garanzija sufficjenti ghad-danni li jistghu jsofru, oltre penali, *a tenur* tal-*artiklu 838A tal-istess Kap 12*;

28. Illi f'dan il-kaz ghalhekk, meta tintwera kawza gusta ghal dan, il-qorti tista' tordna lill-persuna li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju biex taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li

tista’ tigi imposta, u ta’ danni u imghax – u dan, fi zmien li tistabbilixxi l-qorti;

29. Illi altrimenti, tnehhi l-att kawtelatorju inoltrat;

Ikkunsidrat:

30. Illi l-pern li fuqu ddur din id-disposizzjoni partikolari hu li biex tali talba tigi milqugha hu mehtieg li tintwera “kawza gusta” ghaliha;

31. Illi l-fatt wahdu li jkun inhareg mandat ma jitqiesx li hu bizzejjed f’dan ir-rigward, jew li wahdu jammonta ghall-kawza gusta hemm indikata;

32. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Abdilla vs. Auto Sales Limited***, datata z-***17 ta’ Mejju, 2011, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

> “Illi *in oltre*, il-kawza gusta sabiex sekwestrant jigi ordnat jaghti garanzija ghandha tkun imsejsa fuq ragunijiet serji u impellenti, u li d-danni u l-penali li ghalihom jirreferi l-artiklu 838A huma dawk id-danni li s-sekwestrant jista’ jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-mandat, u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mill-ligi ghal tali likwidazzjoni”;

Ikkunsidrat:

33. Illi minn ezami tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fil-livell hawn rikjest jirrizulata li s-sekwestranti – l-intimati odjerni – ma jirrizultax li ghamlu xejn hlief li jipprovaw jipprotegu u jikkawtelaw il-pretensjonijiet li huma jidhrilhom li gustament ghandhom skont il-ligi;

34. Illi ghalhekk jinghad li almenu fil-livell tal-*prima facie* ma jirrizultawx li hemm ragunijiet ghalfejn l-intimati odjerni jigu ordnati jaghtu garanzija ghall-pretensjoni minnhom vantata;

35. Illi konsegwentement jinghad ukoll li anke din it-talba tar-rikorrenti sekwestrati odjerni mhix tenibbli u ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjerni ma pprovawx it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

36.1. Tiddikjara li qed tirrespingi t-talbiet kollha indikati fir-rikors promotur;

36.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

36.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**